MPO/7/09/VI

**Ċirkulari UPM Nru: 05/2026**

L-Uffiċċju tal-Prim Ministru
Il-Berġa ta' Kastilja
Il-Belt Valletta VLT 1061

17 t'April 2026

Lis- Segretarji Permanenti
Diretturi Ġenerali
Diretturi
Kapijiet ta' Entitajiet Pubbliċi

**POŻIZZJONIJIET VAKANTI TA' *HEADSHIP***

Il-Kumitat Konsultattiv għal Ħatriet Anzjani (SAAC) jixtieq jidentifika uffiċjali pubbliċi/ impjegati pubbliċi xierqa li jistgħu jiġu rakkomandati biex jimlew pożizzjonijiet fis-Servizz Eżekuttiv fi grad ogħla hekk imsejjaħ 'Headship Positions[1]' fi grad 4 (Skala ta' Salarju 4), murija fil-lista mmarkata Appendiċi A mehmuża maċ-Ċirkulari. Il-ħatriet għandhom isiru abbażi ta' ftehim għal perjodu ta' erba' snin u jkunu suġġetti għal perjodu ta' prova ta' sena.

**Eliġibbiltà**

**Appendiċi A - Uffiċjali oħra b'poteri statutorji li huma mniżżlin fit-tieni taqsima tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u pożizzjonijiet oħra ta' Direttur Ġenerali jew Direttur li mhumiex imniżżlin**

Biex ikunu eliġibbli għal dawn il-pożizzjonijiet, l-applikanti jridu jkunu:

(a) Uffiċjali pubbliċi għolja bi grad sostantiv ikkonfermat attwali jew preċedenti fi Skala 7 jew ogħla ;jew

(b) Uffiċjali pubbliċi għolja li servew għal total aggregat ta' erba' (4) snin fis-Servizz / Settur Pubbliku f'pożizzjonijiet kklassifikati fi Skala 7 jew ogħla, u

(c) Profiċjenti u kapaċi jikkomunikaw b'mod effettiv kemm verbalment kif ukoll bil-kitba kemm bil-lingwa Maltija kif ukoll bil-lingwa Ingliża.

[1] *Headship Positions* jinkludu Kapijiet ta' Dipartimenti u Uffiċjali oħra b' poteri statutorji li huma mniżżlin fit-tieni taqsima tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (CAP 595), kif ukoll pożizzjonijiet oħra ta' Diretturi Ġeneral jew Diretturi li mhumiex imniżżlin.

Uffiċjali li preżentament jokkupaw kariga ta' Kap u li servew mill-inqas sena mit-terminu tal-Performance Agreement attwali jistgħu japplikaw għall-pożizzjoni msemmija f'dan l-avviż, kemm-il darba jkunu ssodisfaw il-ħtiġiet ta' eliġibbiltà pertinenti. Il-kriterju li wieħed irid ikun għamel minn tal-inqas sena mit-terminu tal-Performance Agreement attwali ma japplikax għal min ikun ser japplika f'pożizzjoni ogħla.

**Proċedura tal-Intervista tas-SAAC**

Il-Kandidati eliġibbli li ma jkunux għamlu test psikometriku f'dawn l-aħħar sentejn (2) se jkunu meħtieġa jpoġġu għal test bħal dan li se jinżamm fl-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi (IPS).

Sussegwentament jintalbu joqogħdu għal intervista individwali għad-diskrezzjoni tal- Kumitat Konsultattiv għal Ħatriet Anzjani (SAAC).

Aktar tagħrif dwar l-għażla preliminari, il-proċess tal-intervista tas-SAAC u informazzjoni addizzjonali jinsabu fil-verżjoni aġġornata ta' *The Nomination Process for Headship Positions – Notes for Prospective Applicants* f'din il-<ħolqa> kif ukoll fil-*Manual regarding Headships and Assistant Director Positions in the Malta Public Service* <ħolqa>.

**Sottomissjoni tal-Applikazzjonijiet**

Uffiċjali pubbliċi eliġibbli li jqisu lilhom infushom xierqa għall-pożizzjonijiet maħruġa huma mistiedna japplikaw permezz **tal-Portal tar-Reklutaġġ fl-indirizz li ġej biss: https://recruitment.gov.mt sal-17:15 tat-Tnejn, 4 ta' Mejju 2026.**

Linji gwidi li jassistu lill-Uffiċjali fis-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet online jistgħu jkunu aċċessati minn din il-<ħolqa>.

**Dokumentazzjoni meħtieġa mal-Applikazzjoni**

L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu:

1. curriculum vitae dettaljat (format Europass) li jrid jinkludi r-rekord tal-iżvilupp professjonali kontinwu u kisbiet ta' kwalifiki;
2. id-dokument tas-Service and Leave Record Sheet aġġornat u maħruġ mhux aktar tard minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni.

Id-dokumenti 1 sa 2 hawn fuq għandhom jiġu skennjati u mibgħuta permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ https://recruitment.gov.mt mhux aktar tard mid-data u l-ħin tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

L-applikazzjonijiet kompluti għandhom jinkludu dikjarazzjoni, li tenfasizza l-applikanti:

(a) dikjarazzjoni ta' motivazzjoni;
(b) il-viżjoni u x'azzjoni jeħtieġ li tittieħed biex tiġi implimentata tali viżjoni

Il-limitu tal-kliem huwa ta' 1000 kelma għal kull waħda mill-partijiet (a) u (b).

Iċ-ċertifikazzjoni tal-IPS li tikkonferma t-tlestija b'suċċess tal-programm *Entry to Senior Management Level Programme (Management Toolkit),* jew l-istatus uffiċjali attwali tal-attendenza jinkisbu direttament mill-IPS minn-naħa tal-Amministrazzjoni. Se tingħata preferenza lil dawk l-uffiċjali li jkunu temmew b'suċċess il-Management Toolkit.

Jekk uffiċjal li jkun għadu ma bediex il-Management Toolkit jintgħażel għal pożizzjoni ta' *Headship Position*, dan ikun meħtieġ jattendi u jlesti b'suċċess it-Toolkit fl-ewwel tnax-il (12) xahar tal-ħatra.

Min naħa l-oħra, Uffiċjali li sad-data ta' din l-applikazzjoni jkunu digà lestew b'suċċess il-Management Toolkit, mal-ħatra tagħhom f'pożizzjoni ta' Headship, ikunu obligati jattendu u jgħaddu b'suċċess top-up course tal-istess Toolkit sa tnax-il (12) xahar mid-data tal-ħatra tagħhom.

**APPLIKAZZJONIJIET LI JASLU TARD MHUX SE JIĠU KKUNSIDRATI. L-APPLIKANTI LI JITQIESU INELIĠIBBLI SKONT IT-TERMINI TA' DIN IS-SEJĦA SE JIĠU INFURMATI KIF XIERAQ.**

**L-applikanti huma mfakkra li hija r-responsabbiltà tagħhom li jiżguraw li d-dettalji tal-applikazzjoni tagħhom ikunu kompluti u korretti, kif ukoll li s-sottomissjoni tad-dokumentazzjoni kollha meħtieġa. Għandha tintalab l-għajnuna f'każ ta' diffikultà.**

Qabel ma jissejħu għall-intervista, l-applikanti prospettivi jkunu meħtieġa jimlew dikjarazzjoni li tindika kull kunflitt ta' interess possibbli jew potenzjali (eż. interessi tan-negozju, xogħol privat, eċċ.). Din id-dikjarazzjoni ser tintbgħat b'imejl u għandha tintbgħat lura bbl-istess mod sa dakinhar li tiġu għall-intervista.

Il-position description għal pożizzjoni maħruġa tista' tkun aċċessibli minn din il-<ħolqa>.

Tony Sultana
Segretarju Permanenti Ewlieni